**KUMITAT REGJONALI XLOKK**

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

# Minuti tal-Laqgha Nru. 45 / 2014

Il-Laqgha Nru 45/2014 tat-Tieni Amministrazzjoni saret Il-Gimgha 21ta' Frar fis-6.30pm fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kumitat Regjonali Xlokk f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien. Data u hin

**Prezenti ghal-laqgha :** Attendenza

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, |
| Is-Sur Justin John Camilleri | Sindku Isla |
| Is-Sinj. Alison Zerafa | Sindku Bormla |
| Is-Sur E. Torpiano | Kunsillier Floriana |
| Is-Sur Carmel Bugeja | Sindku M'Xlokk |
| Is-Sur Francis Debono | Sindku Marsa |
| Is-Sur Joseph Abela | Sindku Hal Tarxien |
| Is-Sinj. Speranza Kirkop | Sindku Kalkara |
| Is-Sur Paul J. Pace | Agent-Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**
Sindku Valletta
Sindku Birgu
Sindku Zejtun
Sindku Fgura
Sindku M'Xkala
Sindku Paola
Sindku Xghajra

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha li bdiet fis-6.30pm.

1.1 **<u>Approvazzjoni tal-Financial Statements ghas-sena ta' gheluq 2013:</u>**

Il-President is-Sur Paul Farrugia qal li r-Regjun kien hejja l-Financial Statements tas-sena 2013. Ghall din il-laqgha kienu prezenti l-Accountants tar-Regjun li huma Mazars .

Huma taw spegazzjoni dettaljata tar-rapport li kienu qed iresqu u gibdu l-attenzjoni lir-Regjun, li r-Regjun ghandu jiehu l-passi sabiex jibdew jingabru l-flus li hemm pendenti mis-sistema tal-LES.

Il-Financial statements qed juru li r-Regjun spicca s-sena finanzjarja bi Profit ta' Euro 210,134.

Gie ukoll registrat li r-Regjun ghandu dahhal is-somma ta' Euro 933,090, fil-waqt ghandu jaghti s-somma ta' Euro 502,503.

It-total ta' Riservi flimkien mal-Liabilities kienu issa jammontaw ghal-Euro 1,004,778.

Wara li l-Mazars qraw l-Financial Statements u ma kienx hemm aktar kjarifiki xi ssiru, il-President tar-Regjun is-Sur Paul Farrugia , ghadda dan ir-rapport ghal-approvazzjoni tar-Regjun.

Dan ir-Rapport gie propunut mis-Sindku tal-Kalkara s-Sinjura Speranza Chircop u gie s-sekondat mis-Sindku ta' Haz-Zabbar is-Sur Quinton Scerri.

Dawn il-Financial Statements ghas-sena finanzjarja 2013 ghaddew unimament.

Ghaldaqstant dawn il-Financial Statements gew iffirmati mil-President tar-Regjun is-Sur Paul Farrugia u mil-Agent Segretarju Ezekuttiv Paul J. Pace .

L-Agent Segretarju Ezekuttiv Paul J. Pace qal li huwa se jiehu hsieb jaddi l-kopji mehtiega lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, lil NAO u lil Udituri.

Il-Laqgha spiccat fit-8.30pm.

**Aggornament:**

Sar ftiehim li r-Regjun ghandu jiltaqgha nhar l-Erbgha 12 ta' Marzu 2014 fis-6.30pm. sabiex terga tissejjah laqgha numru 46.

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia KLJ CMLJ | Paul J.Pace M.B.A. |
| President | Agent Segretarju Ezekuttiv |

Minuti approvati illum , ta' 2014